Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 25**
**Data:** Il-Ħamis, 18 ta' Jannar 2024
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Online**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov - Membru

**Skużati**
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**25.1 Ittri ta' apoloġiji**

25.1.1 Il-President semma li s-Sur Anthony Chircop, is-Sur Max Zammit, is-Sur Jesmond Aquilina u s-Sur Steven Axisa talbu li jkunu skużati. Filwaqt li s-Sur Clifford Galea Vella u Dr. Samuel Azzopardi talbu li jattendu għal-laqgħa b'mod virtwali.

25.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti li jitniżżlu bħala skużati.

**25.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 24**

25.2.1 Il-President qara l-minuti u ppreżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

25.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**25.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 25**

25.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Sultana u Kav. Paul Farrugia, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-20 ta' Diċembru 2023 u 18 ta' Jannar 2024 li kienet tammonta għal €66,511.10.

**25.4 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **25.4.1 Focus Europe** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet mistiedna għal-laqgħa Ġenerali ġewwa Ruma imma talbet li tkun skużata. Il-President ser ikun qed jara sabiex jittieħed il-massimu possibbli tal-benefiċċju minn din il-membership. |
| **25.4.2 RIGHTS** | Il-President semma li ser ikun qed jinbeda t-taħriġ mill-aħħar ta' Jannar. Semma li dan ser ikun organizzat minn the Malta Foundation for Social Wellbeing. |
| **25.4.3 Midalja għall-Qadi tar-Repubblika** | Il-President semma li sar kuntatt ma' Heritage Malta sabiex issir kaxxa tal-ħġieġ. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **25.4.4 Christmas Teambuilding** | Il-President semma li l-attivita' kienet suċċess u li wieħed għandu jikkonsidra li din tkun l-attivita' tkun waħda annwali. |
| **25.4.5 Seminar MIEMA** | Il-President semma li kien ġie organizzat seminar mill-MIEMA għall-Kunsilli u r-Reġjuni. Semma li l-attendenza kienet waħda baxxa wisq. Semma li għandu jkun hemm aktar involviment kemm mill-Kunsilli u anki mir-Reġjuni fejn wieħed japplika għall-fondi Ewropej. |
| **25.4.6 Timed / Residential Parking** | Il-President semma li kienu saru laqgħat ma' Transport Malta sabiex jibdew diskussjonijiet fuq proposti li għaddew mill-Kunsilli Lokali u li kienu konkreti. |
| **25.4.7 Rotta tal-Feniċi** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tieħu ħsieb il-loġistika kif ukoll tħallas spejjeż relatati ma' konferenzi u transport. |
| **25.4.8 INDIS** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet irċeviet kopja draft tal-lease agreement u li kien intbagħat lill-avukat tal-Assoċjazzjoni. Semma li kienu għadhom qed jistennew rispons mingħand l-avukat. |

**25.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2023**

25.5.1 Il-President preżenta r-rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2023.

25.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva r-rapport.

**25.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għas-sena 2023**

25.6.1 Il-President preżenta r-rapport Finanzjarju għas-Sena 2023.

25.6.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva r-rapport.

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

**25.7 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Business Plan 2024 – 2028**

25.7.1 Il-President preżenta r-rapport Business Plan għas-snin 2024 - 2028.

25.7.2 Fuq proposta tal-President issekondata mill-Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-rapport

**25.8 Laqgħat li saru mill-Assoċjazzjoni – Diċembru sa Jannar 2024**

| | |
|---|---|
| 20 ta' Dicembru 2023 | Laqgħa DLG rigward r-riżervi tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali |
| 22 ta' Dicembru 2023 | Laqgħa rigward il-Mekkaniżmu tal-Ġeneru fl-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali |
| 8 ta' Jannar 2024 | NGO Zibel Kampanja kontra r-rimi tal-loqom tas-sigaretti |
| 10 ta' Jannar 2024 | Sistema ta' Back Up fuq il-Cloud |
| 11 ta' Jannar 2024 | Laqgħa Faces and MPT rirward Bus Shelters |
| 15 ta' Jannar 2024 | Laqgħa mal-Gwida rigward prmozzjonijiet. L-Eżekuttiv ma qabilx li għalissa jalloka fondi għal din l-inizjattiva. |
| 15 ta' Jannar 2024 | Laqgħa Melita rigward Public WiFi – WIFI4U |
| 16 ta' Jannar 2024 | Laqgħa rigward servizz ta' support ta' psikoloġija li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed toffri. |
| 16 ta' Jannar 2024 | Laqgħa rigward branding tal-mascot Rillu. |
| 17 ta' Jannar 2024 | Business Breakfast Idea Academy |
| 17 ta' Jannar 2024 | Wiki Travel – laqgħa fuq portal li jaħdem permezz tal-Inteliġenza Artifiċjali. L-Eżekuttiv qabel li dan il-proġett għandu jinżamm ċentralizzat u jitħaddem mill-Assoċjazzjoni. |
| 17 ta' Jannar 2024 | Laqgħa ma' Kannakkale t-Turkija rigward prattiċitajiet fuq Animal welfare |
| 8 ta' Jannar 2024 | Laqgħa Ħarsien għall-ilsien Malti mas-Sa. Norma Saliba. Il-President semma li għandha tagħmel kuntatt mal-Kunsilli Reġjonali |

**25.9 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **25.9.1 MCAST Apprenticeship** | Il-President semma li ser ikunu qed jibdew erba' studenti fuq apprentistat minn ġewwa l-MCAST. |
| **25.9.2 ELDW** | Il-President semma li fi Frar l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tattendi għal Award Cermony ta' ELDW ġewwa Starsburgu peress li l-Assoċjazzjoni anki applikat sabiex tieħu t-titlu. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **25.9.3 Women National Council** | Il-President semma li l-membership ser titħallas imma jidher li mhuxqed ikun hemm attendenza mir-rappreżentant mis-Sindki nisa li kienet ġiet maħtura. Semma li fil-futur ser jara hemmx min hu intressat li jattendi sabiex filkas ikun hemm bdil fin-nomina. |
| **25.9.4 MCA** | Il-President fakkar li ser ikun hemm organizzat seminar mill-Assoċjazzjoni b' kollaborazzjoni mal-MCA. |
| **25.9.5 Membership ICEIL** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet approvata mill-eliġibilita' sabiex tkun parti mill-ICEIL. Il-President semma li ser tkun qed titħallas l-membership. |
| **25.9.6 Procura+** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għaddiet l-eliġibbilita' sabiex tidħol membru ma' Procura+. Semma li din hija affiljazzjoni li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tibbenifika minn taħriġ kif ukoll esperti fuq procurment sostenibbli. |
| **25.9.7 Kooperattiva Malta** | Il-President semma li kien hemm laqgħa ma' Koperattiva Malta. Huwa inkoraġġixxa lir-reġjuni sabiex jinfurmaw lill-Kunsilli rigward faċilitajiet li għandhom Koperattiva Malta. Semma li fil-futur ser ikun hemm ukoll proġetti li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tfassal li taħdem fuqhom. |
| **25.9.8 ALL Digital** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni applikat sabiex tintgħżel bħala National Coordinator matul Digital Week. |
| **25.9.9 Impjegata AKL** | Il-President semma li waħda mill-impjegati kien imissha li titla' notch fi skala 13. |
| **25.9.10 Post Vakant fi Skala 11** | Il-President semma li l-post għadu vakant u l-call għadha miftuħa. |
| **25.9.11 Shadow Minister Gvern Lokali** | Il-President irringrazzja il-ħidma tal-Onor. Darren Carabott fil-qasam tal-Gvern Lokali u awgura lill-Onor. Chris Said. |
| **25.9.12 Konsultazzjoni rigward l-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni u Konsultazzjoni rigward** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tipparteċipa f' dawn il-konsultazzjonijiet u ser tkun qed tissottometti l-proposti tagħha f' dawn iż-żewġ konsultazzjonijiet. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **Emendi Legali fuq Pussess ta' Sustanzi illegali** | |
| **25.9.13 ECAD Membership** | Il-President semma liser tkun qed terġa' tiġġedded il-membership kif ukoll l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tipparteċipa fil-konferenza Planet Yout f' Marzu li ġej ġewwa Iceland. |

**25.10 Aġġornament**

25.10.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 22 ta' Frar 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.26 li nżammet nhar il-Ħamis, 22 ta' Frar 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**